**5 ta' Diċembru 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filetti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Joseph Farrugia

*versus*

Raymond Agius *et*

**Hlas - Subbasta**

***Il-Qorti ta' l-Appel annullat sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex din iddeċidiet vertenza fattwali li qatt ma kienet kontestati u l-punt ta'kontestazzjoni baqa' ma ġiex deċiż. L-atti għalhekk ġew rimessi lill-ewwel Qorti sabiex jinstemgħu l-provi rilevanti u l-punt jiġi deċiż, mingħajr ma l-partijiet jitilfu l-benefiċċju tad-doppio esame.***

Il-Qorti,:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-22 ta' Novembru, 1984, li taqra hekk:-

L-attur f'din il-kawża qed jallega li b'rikors tat-26 ta' Marzu, 1979, il-konvenuti talbu u ottenew l-ordni tal-bejgħ bis-subasta ta' tliet vetturi maqbudin mingħand l-attur u ċjoe' Truck numru 78603, Truck numbru 25351 u Escort numru 57116 in forza ta' mandat ta' Qbid numbru 1022/78 maħruġ in esekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru, 1978, li kienet irrendiet esegwibbli sentenza oħra ta' din il-Qorti mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 1971,ikkonfermata fl-appell fl-20 ta' Marzu, 1973, fl-ismijiet ' Negozjant Philip Agius vs. Joseph Farrugia', li b'diġriet ta' din il-Qorti mogħti fil-15 ta' Jannar, 1980, u ppubblikat fil-gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Jannar, 1980, ġie ffissat il-jum tal-5 ta' Frar, 1980, għall-bejġħ bis-subasta ta' l-istess vetturi, u dana għalkemm is-somom talvolta dovuti ġew kolllha sal-lum imħallsa jew kompensati. Għalhekk l-attur kellu jistitwixxi din l-azzjoni;

Il-konvenuti eċċipew preliminarjament l-eċċipjenti ġew

imħarrka ħażin billi Bridget illum ma għadhiex minorenni u miżżewġa lill Michael Buttigieg. Fit-tieni lok fil-mertu huma eċċipew li t-talbiet għandhom jiġu respinti billi l-eċċipjenti għad fadallhom jieħdu s-somma ta' Lm249.91,9 (Salvi l-imgħax kummerċjali mit-26 ta' Marzu 1979) kif jirriżulta mill-proċeduri tas-subasta. L-ewwel eċċezzjoni ġiet sorpassata u l-posizzjoni tal-partijiet ġiet irregolarizzata u dan bil-Verbal ta' l-14 ta' Frar, 1984. In fatti skond dan il-Verbal Dr. Magri għall-konvenuti ddikjara li l-konvenuti Bridget u Anna aħwa Agius huma maġġorenni u li llum Emanuela Camilleri tidher biss bħala leġittima rappreżentanta ta' binha minuri Philip Agius. Għalhekk għal kull buon fini l-istess ta' ruħu b'notifikat għan-nom ta' Bridget u Anna aħwa Agius biċ-ċitazzjoni kif korretta;

Għalhekk il-kwistjoni li baqa' li trid tiġi deċiża minn din il-Qorti jekk il-konvenuti għad għandhom jieħdu mingħand l-attur jew le. Jekk il-kreditu tal-konvenuti kien fil-fatt ġie sodisfatt mill-attur allura f'dan il-każ it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa. Il-provi f'din il-kawża jikkonsistu fl-atti tas-subasta, u kawżi msemmija fiċ-ċitazzjoni u indikati fil-verbal tat-3 ta' Mejju, 1982, u fix-xhieda ta' l-attur u l-konvenut Raymond Agius. L-attur fix-xhieda tiegħu qal li kellu kawża ma' l-awtur tal-konvenuti llum mejjet. Hu kien ta l-flus lill Dr. Ugo Mifsud Bonnici li sussegwentement kien tahom lill-Professur Felic Cremona li kien l-Avukat ta' Philip Agius. Hu qal li l-konvenuti baqgħu jippretendu dawn il-flus mingħandu avolja hu kien tahom lill-Avukat tiegħu. Fil-kontroeżami tiegħu mistoqsi jekk jiftakarx li fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 1971, kif ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell il-Qorti kienet ikkonteġġjat l-ammonti li kellu jieħu hu u kkmandatu jħallas id-differenza - l-attur evada jirrispondi ċar u tond din id-domanda. Il-konvenut Raymond Agius xehed 'Jien kont rajt lill-Professur Cremona li qalli li l-

kawża kienet intrebħet u li l-ammont kellu jiġi mogħti lil nannuwi. Kont kellimt lill-Professur Cremona għall-ħabta tas-sena 1976 u qal li ma kienx ħallas (il-konvenut). Il-kawża ġiet differita diversi drabi għalbiex jixhed Dr. Ugo Mifsud Bonnici pero' dan kien kollu għalxejn u dan baqa' ma xehedx. Kwindi għalhekk it-talbiet ta' l-attur ma jidhru b'ebda mod fondati;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-atturi;

Bl-ispejjeż;'

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur Joseph Farrugia u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u li jew tiġi akkolta d-domanda ta' l-attur minn din il-Qorti, inkella l-atti jiġu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti biex tisma' x-xhieda ta' l-Avukat sottoskritt u mbagħad tiddeċidi fuq it-talba u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:-

Illi qabel xejn, anke biex dak li ser jingħad aktar 'il quddiem jiftiehem aħjar, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-30 ta' Lulju, 1988, din il-Qorti fuq talba ta' l-appellant, mhux opposta, akkordat li f'dan l-istadju jixhed l-Onorevoli Dottor Ugo Mifsud Bonnici, illum President tar-Repubblika ta' Malta;

L-Eċċelenza Tiegħu xehed darbtejn. Fl-ewwel okkażjoni, xehed illi wara proċeduri li l-avukat tal-konvenuti odjerni kien għamel fl-interess tagħhom kontra l-attur, dan ta' l-aħħar kien ikkonsenjalu f'idejh is-sorte konsistenti f'somma ta' bejn Lm500 u Lm600 biex huwa jgħaddihom lill-Professur Felice Cremona, allura difensur tal-konvenut ta' dak in-nhar, Philip Agius. Ix-xhud jikkonferma li allura kkonsenja din is-somma lill-Professur Cremona biex dan jgħaddiha lil Philip Agius. Ġara li Philip Agius miet u ftit warajh miet ukoll il-Professur Cremona. In *segwitu wieħed minn neputijiet* ta' Philip Agius kien avviċina lill-Eċċellenza Tiegħu għall-ħlas u naturalment ġie infurmat minnu li l-flus kienu tħallsu lill-Professur Cremona. Ix-xhud żied jgħid illi l-attur darba waħda biss kien tah flus biex jgħaddihom kif ingħad lil Professur Cremona u / jew lil Agius, iżda jiftakar li sussegwentement, wara li sar mandat, sar pagament ieħor taħt protesta; pero' *ma jiftakarx jekk it-tieni pagament sarx lil Dr.* Magri jew lil xi ħadd ieħor. Meta xehed fit-tieni okkażżjoni, ix-xhud ma qal xejn ġdid u essenzjalment ikkonferma mill-ġdid dak li kien xehed preċedentement;

Sussegwentement, anki fuq invit ta' din il-Qorti, saru riċerki fl-arkivji tal-Professur Felice Cremona biex jiġi stabbilit sewwa x'seta' ġara, u fl-aħħar, l-attur appellant ippreżenta dokument li jikkonsisti f'vera kopja fotostatika ta' rikors ta' Raymond Agius iddatat 11 ta' Diċembru, 1979, minn fejn jirriżulta li l-istess rikorrent qed jammetti li l-attur kien ħallas Lm500 akkont biex tiġi sospiża s-subbasta anteċedentement iddekretata. Fil-fatt dak li jirriżulta wkoll minn dan id-dokument huwa li l-istess Raymond Agius minħabba li kien isostni li barra l-Lm500 kien għad hemm bilanċ dovut u li għalkemm l-attur kien obbiga ruħu li jħallas il-bilanċ fi żmien xahar huwa naqas li jagħmel dan, hu

(Agius) talab li l-Qorti tiffissa l-appuntament għall-bejgħ bis-subbasta;

Jiġi osservat pero' li baqgħet ma nġabitx il-prova ta' meta eżatt il-flus għaddew mingħand l-Onor. Mifsud Bonnici għand il-Professur Cremona u mingħand dan għand l-awtur tal-konvenuti - hemm biss id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-Eċċellenza Tiegħu li l-pagament sar bejn l-1973 u l-1978 li m'hemm xejn x'jindika li tista' tiġi ddubitata;

Issa f'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk dak li jirriżulta bħala issa stabbilit, huwa li ċertament l-awtur tal-konvenuti kien tħallas is-somma ta' Lm500 kkonsenjata lilu mill-Avukat tiegħu l-Professur Felice Cremona li min-naħa tiegħu rċevihom mingħand l-Onor. Mifsud Bonnici, avukat difensur ta' l-attur Farrugia. Hemm iżjed minn hekk pero', peress li jidher li l-kwistjoni vera u proprja bejn il-kontendenti hija jekk tħallasx kollox jew jekk kienx għad fadal bilanċ. Infatti jidher li l-kwistjoni kollha nqalgħet fuq hekk billi filwaqt li l-attur jgħid li ħallas kollox, il-konvenuti jgħidu li għandhom dritt għal iżjed. Kien proprju dan il-punt li fforma l-meritu ta' l-azzjoni li ppromovew l-atturi u għalhekk il-vera kompitu li ġie rimess lill-ewwel Qorti biex tiddeċidih kien jekk kienx għad verament fadal bilanċ x'jitħallas;

L-ewwel Qorti, anki minħabba li ma kienx għadu laħaq xehed l-Eċċellenza Tiegħu, jidher li dan il-punt sfuġġielha kompletament. Inoltre jidher ukoll li naqset li tapprezza li dan il-każ kien jipprospetta ċirkostanzi speċjali fis-sens li kemm Philip Agius kif ukoll l-Avukat tiegħu kienu mietu u jidher ċar li l-eredi u l-amministratur sa ċertu żmien, li anqas ma jidher ċar sa meta jirrisali, anqas bil-pagament ta' Lm500 ma kienu jafu;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-posizzjoni li emerġiet sfortunatament

żviluppat f'waħda paradossali għaliex jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti ntrabtet unikament mal-kwistjoni jekk il-konvenut odjern hux veru li kien ikkonsenja l-Lm500 lil Dottor Mifsud Bonnici u jekk dan da parte tiegħu ikkonsenjax l-istess ammont lill-Professur Cremona. Din il-Qorti qed tiddeskrivi din is-sitwazzjoni bħala waħda paradossali għaliex effettivament il-ħlas ta' dawn il-Lm500 mhux biss ma kien qatt in ballo, iżda mill-korp taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi kien hemm mill-ewwel iddikjarat li dan l-ammont kien tħallas u li l-vertenza kollha kienet biss tirrigwarda l-eżistenza o meno ta' bilanċ. Jiġifieri, dak li kellha tiddeċiedi l-ewwel Qorti kien jekk kienx għad fadal bilanċ x'jitħallas jew jekk kienx tħallas kollox jew kinitx saret xi tpaċija kif donnu qed jippretendi l-konvenut. Minn dan kollu pero' ma sar xejn u l-kawża ġiet deċiża merament fuq kwistjoni li ma kienet qatt ikkontestata mill-partijiet - anzi s-sentenza, paradossalment iddeċidiet li ma kienx hemm prova ta' pagament li l-partijiet effettivament kienu jaqblu li sar!

Hu ovvju li f'dawn iċ-ċirkostanzi, is-sentenza appellata ma tistax treġi għax stradata ħażin u bbażata fuq premessi u konsiderazzjonijiet żbaljati u wara kollox irrilevanti. Stante ċ-ċirkostanzi, pero', u partikolarment peress li jidher li fi prim' istanza l-kawża kollha ġiet stradata ħażin, din il-Qorti tara li biex issir ġustizzja hu l-każ li l-atti jiġu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti biex din tisma' dawk il-provi li huma rilevanti għall-vera vertenza bejn il-partijiet u wara tingħata sentenza, u b'dan il-mod jiġi assikurat ukoll li l-partijiet ma jiġux ipprivati mill-benefiċċju tad-doppju eżami;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka in toto s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza, stante li fil-fehma ta' din il-Qorti l-

kontendenti infushom huma konsegwentement responsabbli għal dak li ġara, għax anki huma injoraw dak li kien hemm deskritt fiċ-ċitazzjoni u f'ċertu sens inkonsapevolment sgwidaw l-ewwel Onorabbli Qorti, għandhom jiġu ssoppartati kwantu għal terż mill-appellant u kwantu għal żewġ terzi mill-appellati.